




# L-Iżvilupp u l-Istorja

*Ray Montebello*

F'dan l-artiklu xtaqt inqajjem l-argument dwar jekk l-iżvilupp u l-istorja jimxux flimkien. Din hi mistoqsija li diffiċli biex titwieġeb f'waqtha għaliex jistgħu jkunu parti minn xulxin jew inkella wieħed il-qerda tal-oħra. Il-Marsa bħala port kienet essenzjali mhux biss għan-nies tal-lokal mill-eqdem żminijiet imma għal Malta kollha bħala pajjiż. Naturalment, il-fdaljiet li ħallew il-Feniċi, ir-Rumani u l-Biżantini fil-Medjuevu tardiv urewna kemm dawn l-inħawi kienu importanti u għalhekk fihom bnew kull aċċessorji u binjiet li kont issib f'kull port ta' dawk iż-żminijiet.

Irridu nifhmu wkoll li f'kull perjodu taż-żmien, kull ħakma bniet jew kompliet mal-iżvilupp tal-ħakkiema ta' qabel. Dan seta' sar billi qerdu li kien hemm qabel u bnew il-ġdid huma jew komplew saħħu dak li kien hemm billi komplew iżidu u jsebbħu fuq li kien hemm. Hawn naraw żewġ movimenti ta' progress opposti, wieħed kisser li kien hemm u bena kollox hu u l-ieħor kompla ma' li kien hemm mal-medda tas-snin. Dan dejjem hekk sar u mhux fil-Marsa biss għax bħalma ngħidu l-musmar il-ġdid jaqla' l-qadim.

Bil-maqlub ta' dan il-proverbju nistgħu ngħidu li l-progress iġib ir-rigress, skont kif wieħed jifhimha. Se niġru mal-istorja f'dawn l-inħawi tal-Marsa u naraw li anki fi żmien il-Kavallieri fil-Marsa beda l-iżvilupp fi mħażen u mollijiet speċjalment lejn ix-xatt ta' Pinto. Meta nsemmu l-iżvilupp fil-Marsa bilfors irridu nsemmu x-xatt u l-port għaliex huma taw identità lil dawn l-inħawi. Imma naħseb li l-ikbar żviluppi li saru rridu nammettu li kienu taħt il-ħakma Ingliża. Il-progress jibqa' għaddej u ma jwaqqfu ħadd. Meta fl-1861 beda jkun hemm żviluppi għall-Kanal ta' Swejz, il-gvern kolonjali ta' dak iż-żmien immexxi mill-gvernatur Sir John Gaspard le Merchant tħajjar li dawn l-inħawi ġewwiena tal-Port il-Kbir bħall-Marsa kellhom jiġu konvertiti għall-iżvilupp marittimu kemm tal-ħatt u l-ġarr tal-faħam kif ukoll ta' kull kummerċ ieħor. B'dan l-iżvilupp hekk kbir tax-xorta tiegħu għal dak iż-żmien, ħafna Maltin, inkluż il-Marsin infushom, sabu xogħol x'jagħmlu għall-għajxien ta' familthom.

Waqt dan ix-xogħol, fil-witat tal-inħawi li missew ma' dan il-proġett tal-Portu Novu, inkinsu għadd ta' fdalijiet li bdew jinkixfu waqt ix-xogħol, fdalijiet li wrew kemm il-Marsa setgħet kienet it-tieni l-iktar post f'Malta bl-ikbar popolazzjoni wara l-belt ta' Melita (l-Imdina) ta' żmien ir-Rumani. Dawn il-fdalijiet inkinsu mal-progress u dak li seta' ġie salvat ġie kkurat fil-mużewijiet. Anki bħala ambjent, il-witat ħadrana u l-widien li kellha l-Marsa kienu ġew imwittija u l-art ġiet irreklamata bħala Sport Grounds għas-Servizzi Ingliżi fl-1868, bil-korsa taż-żwiemel, il-korsa tal-golf u kull attività sportiva li kellhom is-Servizzi Militari f'Malta. Dawn ma setgħux jintużaw mill-Maltin infushom.

*ikompli f'paġna 72*

Nafu wkoll li qrib il-Menqa kien jeżisti ċimiterju Musulman għal dawk l-iskjavi li kienu jservu lill-Kavallieri ta' San Ġwann fi żmienhom. Mal-iżvilupp imfassal mill-gvern kolonjali f'dawn l-inħawi tal-port, xi binjiet u strutturi li kienu jeżistu fil-viċin kellhom jiġu mwittija u oħrajn trasferiti f'postijiet oħra fil-viċin. Dan ġara għaliex iċ-ċimiterju Musulman, bi ftehim mal-konsolat Tork ta' dak iż-żmien, ġie trasferit bil-fdalijiet b'kollox lejn post ieħor fil-Marsa fl-inħawi msemmija Ta' Sammut, fejn illum insibu ċ-ċimiterju tat-Torok.

Mal-iżvilupp tat-tramm li kellu d-*depot* fil-Marsa l-Kbira, in-naħa ta' Ċejlu, ukoll sibna interferenza meta ġie biex jinbena l-istess maħżen tat-tramm. Dan għaliex hu u jsir ix-xogħol tal-bini nstabet ġiebja mdaqqsa ta' żmien ir-Rumani flimkien ma' strutturi ta' moll. Dan kellu jinħatt biex jakkomoda l-bini tat-tramm. Mal-medda tas-snin il-pajjiż ħtieġlu jibda jaqdef għal rasu kemm bil-kisba tal-Independenza u anki bil-Kostituzzjoni tar-Repubblika. Il-pajjiż beda jimxi waħdu u jfendi għal rasu b'għadd ta' inizjattivi u xogħol li kien jeħtieġ li jkollu maż-żmien.

Peress li l-kummerċ iktar kien isir bil-baħar, dawn l-inħawi bdew jiġu żviluppati b'aktar għaġla bħala ċentru marittimu. Sar żvilupp mgħaġġel u ta' ħtieġa għall-kumdità tal-poplu, żvilupp li xi drabi kellu jagħlaq għajn waħda biex jibqa' għaddej bla ma ħadd iwaqqfu għad-detriment tal-ambjent u siti storiċi. Meta ġiet imwaqqfa l-Power Station fuq l-Għolja tal-Ġizwiti fejn kienet sa ftit ta' snin ilu, ukoll kellhom jissagrifikaw ruħhom għadd ta' katakombi, oqbra u fdalijiet ta' kull żmien li xi darba kienu jitperrċu fuq l-Għolja tal-Ġiżwiti, faċċata tal-bokka tal-Port il-Kbir. Anki fejn xi darba kien għad fadal xi fdal ta' xi għalqa fil-Marsa dan sab postu f'xi baċir jew fabbrika. Maż-żmien żviluppat iż-żona industrijali tal-Marsa fejn medda kbira ta' raba' għamlet wisa' għalihom. Meta tara dan kollu tinduna kemm l-iżvilupp u l-istorja mhux dejjem imxew flimkien. Eżempju ċar u nammettuha hu li f'ċerti nħawi fil-Marsa jeżisti abbandun totali. Dan seħħ b'mod



naturali jew b'mod intenzjonat?

Illum il-popolazzjoni tal-Marsa dejjem nieżla u jista' jkun li dan huwa wieħed mill-fatturi prinċipali ta' din it-telqa li nsibu madwarna. Dan l-aħħar qegħdin nisimgħu kemm f'ċerti żoni jista' jsir żvilupp kbir li jista' jibdel wiċċ il-Marsa bħala dehra b'bini modern ta' intrapriżi li bih nistgħu nkomplu nsiru ċentru iktar milli konna sa issa. Dan l-iżvilupp nixtiequ li minnu jkun jista' jgawdi l-poplu kollu, speċjalment il-Marsin li għal għexieren ta' snin raw żvilupp wara l-ieħor li serva u qeda lil kull awtorità bi skuża li dak li sar kien għall-ġid ta' Malta u l-poplu tagħha.

Nirrispettaw l-iżvilupp modern sakemm ma jeqridx dak li sa issa għad għandu valur storiku. Bħala eżempju, jekk se ttir il-magna tad-dqiq lejn ta' Ċejlu minħabba żvilupp ta' binja ġdida nifhem li l-imħażen tal-viċin għandhom jibqgħu intatti għax għad għandhom valur storiku u merkantili. L-iżvilupp ukoll jista' jibdel id-dehra tal-inħawi li sal-lum konna qegħdin nistkerrhuhom, speċjalment għaliex jiġu ffrekwentati minn individwi li jużawhom b'mod mhux xieraq għall-iskopijiet ta' moħħhom.

Naħseb li dan l-artiklu jista' jkun li jqajjem argument li flimkien, bla passjoni esaġerata, nistgħu nsolvuh flimkien. Il-Marsa qiegħda f'salib it-toroq mhux biss għax b'mod naturali żviluppat hekk fil-pożizzjoni tagħha imma wkoll għaliex fil-Marsa, bħala post abitat b'popolazjoni dejjem tixjieħ u tonqos, jista' jsir żvilupp li jibqa' għaddej bla ma jħares lejn il-problemi li jistgħu jinqalgħu maż-żmien.